**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 62**

**16 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Il-Kunsilliera George Zammit u Jeanelle Attard infurmaw verbalment lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li ser jaslu tard għal-laqgħa.

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ivan Attard - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**62.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

62.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 60 li saret nhar it-Tlieta 11 ta' April 2017 u l-minuti tal-laqgħa 61 (laqgħa b'urġenza) li saret nhar it-Tlieta 2 ta' Mejju 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li wasalna fil-konklużjoni tal-proċess tal-iffirmar tad-devoluzzjoni tas-sit fi Triq Santa Katerina, ix-Xewkija, li fuqu nbena l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill. Is-sit attwali minfejn qed jopera l-Kunsill preżenti ser jibqa' *fixed asset* tal-Kunsill u għaldaqstant ser ikun jista' jibqa' jintuża għas-servizz tar-residenti tax-Xewkija.

Il-Kunsillier George Zammit daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

62.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li għandna niġbru l-kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' tliet bibien tal-aluminju għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan.

62.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li fil-preżent il-Ministeru għal Għawdex qiegħed jipprepara l-pjanta għall-proġett ta' rinnovazzjoni ta' Pjazza San Ġwann Battista. Din il-pjanta ser tiġi ippreżentata fil-Kunsill għad-diskussjoni dwarha u wara titressaq għall-attenzjoni tal-pubbliku għall-kummenti tiegħu. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill għandna nistiednu lill-PeritaMariella Xuereb sabiex tagħti *brief* dwar dan il-proġett peress li hi ser tkun inkarigata minnu.

62.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li attwalment il-Kunsill Lokali jinsab għaddej b'diskussjonijiet mal-LESA sabiex is-servizz tal-*green wardens* li qed jiġi offrut fil-lokalita' tax-Xewkija ikun aktar effettiv.

62.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ittra mingħand is-Sur Joe Louis Sciberras li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat il-logħob annwali imsejjaħ 'Giochi – It's A Knockout'. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 600.

62.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna e-mail mingħand Transport Malta fejn din l-Awtorita' talbet il-kummenti tal-Kunsill għal xogħol ta' rilokazzjoni ta' *bus stop* fi Triq

il-Ħamrija minħabba li fil-ġimgħat li ġejjin ser isir xogħol ta' kostruzzjoni fuq sit fil-viċinanzi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

62.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ċirkulari 9/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund* ; l-Ewwel Sejħa għal attivitajiet minn Lulju sa Diċembru 2017 u t-Tieni Sejħa għal attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020'.

Rigward l-ewwel sejħa, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna napplikaw għall-attivita' 'Fiori d'Argenta' li ser issir nhar is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Settembru 2017 filwaqt li għat-tieni sejħa ser naraw għal xiex nistgħu napplikaw aktar 'il quddiem.

62.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ċirkulari numru 10/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-*WEEE*) miġbur mill-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw fuqha wara li ssir il-laqgħa ta' informazzjoni li ser jorganizza d-Dipartiment dwar dan is-suġġett.

62.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand Joseph Vella, Segretarju tal-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali bi tħejjija għall-festa ta' San Ġwann Battista nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw dwar xi spejjeż hemm involuti fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' qabel ma nikkommettu ruħna dwarha.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża fis-6.25pm sabiex il-Kunsill seta' jitkellem ma' resident li ġie jiddiskuti xi punti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.45pm.

62.3.10 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna direttiva numru 2/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Estimi Annwali (Budget) u Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart (Quarterly Financial Report).' Din id-direttiva għaddejnieha lill-*accountant* tal-Kunsill għall-attenzjoni tiegħu.

62.3.11 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ċirkulari numru 11/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Irtirar mix-Xogħol minħabba l-Eta' Pensjonabbli'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.3.12 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi installata bozza ġdida ma' arblu tad-dawl fi Triq Ta' Bwier. Il-Kunsill innota li, filwaqt li m'għandux oġġezzjoni għal din it-talba, il-parti tat-triq konċernata taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali Ta' Għajnsielem.

F'dan il-mument, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-Korporazzjoni Enemalta u lill-Ministeru għal Għawdex sabiex Triq Tal-Kanal issir kollha bid-dawl minħabba li preżentament din it-triq hija mudlama ħafna.

62.3.13 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand Frankline Zammit Galea, il-kap tal-iskola primarja tax-Xewkija, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-istampar tal-magazine annwali tal-iskola. Il-Kunsill qabel li għandna nikkollaboraw f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix dik tas-sena li għaddiet.

62.3.14 Is-Sindku informa lill-membri li għandna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-*updating* tal-*fixed assets register* tal-Kunsill. Il-membri qablu li din is-sejħa għandha tinħareġ.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard daħlet fil-kamra tal-laqgħat fis-6.50pm. Dan minħabba li hi kienet qed tattendi għall-ħarġa Malta li organizza l-Kunsill Lokali tax-Xewkija fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.

62.3.15 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand il-kumitat tal-*Local Funds* fi ħdan l-Awtorita' Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar li fiha l-Kunsill ġie infurmat li l-bilanċ ta' flus li fadal f'dan il-fond jammonta għas-somma ta' ftit aktar minn € 107,300. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62.3.16 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand Ted Mizzi sabiex issir bankina ġdida quddiem ir-residenzi numru 33 u 35 fi Triq Sansun. Il-Kunsilliera qablu li għandna niċċekkjaw eżattament fejn trid issir din il-bankina u f'każ li din hija bankina ġdida, għandna nirreferu dan il-każ lill-Ministeru għal Għawdex.

62.3.17 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand Salvu Haber għan-nom tal-kumitat organizzattiv tat-tiġrija taż-żwiemel li ssir qrib il-festa ta' San Ġwann Battista sabiex il-Kunsill jikkollabora ma' dan il-Kumitat fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nħallsu l-ispejjeż tal-*insurance* relatati ma' din l-attivita', liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' € 320.

62.3.18 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand il-MEUSAC rigward żewġ miżuri ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea (Miżura 4.3 u Miżura 4.4) li jirrelataw ma' proġetti ta' konservazzjoni tal-ambjent rurali. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sinjura Alison Camilleri ta' MS Advisory Services Limited sabiex tibda tipprepara l-applikazzjoni tagħna għall-proġett ta' konservazzjoni ta' diversi ħitan tas-sejjieħ fil-lokalita'. Din l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sat-Tnejn 3 ta' Lulju 2017.

63.3.19 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand Joseph Attard, Segretarju tax-Xewkija Tigers FC, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali li saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017. Il-Kunsilliera qablu li għandna nikkollaboraw f'din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 250.

63.3.20 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna ċirkulari numru 12/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Parteċipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-*Media*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63.3.21 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex sabiex issir bozza ġdida mar-residenza numru 90, Triq tal-Ħamrija. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

**62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

62.4.1 Il-Kunsillier Hubert Saliba propona li ħdejn il-*bring-in-sites* li kien hemm fi Triq Widnet il-Baħar issir żona riservata għall-ħmieġ tal-klieb. Il-membri qablu ma' din il-proposta.

62.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard proponiet li jsir iż-żbir tas-siġar li hemm ħdejn l-iskola primarja. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir.

62.4.3 Il-Kunsillier George Zammit propona li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill għandna nistiednu lill-kenniesa assenjati magħna u lil rappreżentant tal-kumitat tax-Xewkija Tigers FC li għandhom il-kuntratt tal-knis tat-toroq mhux urbani fil-lokalita' sabiex nidentifikaw l-aktar żoni li għandhom bżonn urġenti tat-tindif u li x-xogħol isir bl-aħjar mod possibbli. Il-membri qablu ma' dan.

62.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-talba li għamlet sabiex iz-zebra crossing li hemm fi Triq il-Ħamrija (viċin it-*traffic lights*) tiġi rilokata. Is-Sindku wieġeb li għadna qed nistennew risposta mingħand Transport Malta rigward din it-talba.

62.4.5 Il-Viċi Sindku Domenic Zerafa u l-Kunsillier George Zammit staqsew dwar meta ser isir it-*traffic management plan* fi Triq il-Ħamrija qabel tinżel in-niżla ta' Triq Għajn Qatet. Is-Sindku wieġeb li din it-*traffic management plan* kien qed jieħu ħsiebha l-Perit Edward Scerri u għaldaqstant għandna nagħmlu *follow-up* tagħha.

**62.5 Materji relatati mal-festa ta' San Ġwann Battista**

62.5.1 Il-Kunsill iddiskuta numru ta' materji relatati mal-festa titulari ta' San Ġwann Battista li ser tiġi iċċelebrata nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsillier George Zammit propona li sabiex jinqatgħu l-abbużi li qed ikun hemm ta' kull sena viċin il-latrini pubbliċi tal-Pjazza, il-Kunsill għandu jinstalla *cameras* tas-sigurta' (CCTV *cameras*). Il-membri qablu li għandna niċċekkjaw jekk dawn humiex legalment permessibbli qabel nipproċedu.

62.5.2 Il-Kunsill qabel li l-gabbani li jarmaw temporanjament fil-jiem tal-festa għandhom jibqgħu fl-istess postijiet tas-snin preċedenti bil-kundizzjoni li s-sidien tagħhom għandhom jippreżentaw ftehim bil-miktub ma' kennies jew kumpanija tal-knis li tipprovdi l-knis neċessarju madwar il-gabbani. F'każ li dan il-ftehim ta' jiġix ippreżentat fl-uffiċċju tal-Kunsill, il-permess ma jinħariġx.

62.5.3 Il-Kunsill qabel li għandna nagħtu permess (temporanju) lis-sidien tal-gabbani li jbiegħu l-ġugarelli sabiex ikunu jistgħu jarmaw fi Triq il-Ġibjun nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017, fl-istess jum li jkun hemm il-marċ f'dawn l-inħawi.

Il-Kunsillier Hubert Saliba rtira mill-kamra tal-laqgħat fis-7.15pm.

**62.6 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-pagamenti**

62.6.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsilliera preżenti.

**62.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Ġunju 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Seg. Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali:Xewkija** **Skeda Nru. 19-60**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 12/04/2017-16/05/2017**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Xewkija Tigers | €923.81 | €923.81 | T | PF | Tindif ta' Toroq April | 16-04-17 | XewkijaLC_02 | | | | 12542 |
| 1 | Michelle Vella | €835.22 | €835.22 | D | PF | Servizzi ta' Konsulenza għall-progett tal-Mizura 313 bejn Ottubru u Novembru 2016 | 30-01-17 | XewkijaLC_02 | | | | 12543 |
| 2 | CANCELLED | | | | | | | | | | | 12544 |
| 3 | Toolmart | €4.70 | €4.70 | D | PF | Xkupa, Telephone Set u Materjal Iehor | 13-05-17 | 13686 | | | | 12545 |
| 4 | Joyce Buttigieg | €70.00 | €70.00 | D | PF | Reimb re nappy changer paid in cash to Toy Metro | 17-05-17 | TA61462 | | | | 12546 |
| 5 | Hilite | €17.55 | €17.55 | D | PF | Materjal | 16-05-17 | 9207 | | | | 12547 |
| 6 | Hilite | €43.00 | €43.00 | D | PF | Safety Shoes | 02-05-17 | 9126 | | | | 12548 |
| 7 | Hilite | €3.00 | €3.00 | D | PF | Materjal | 03-05-17 | 9136 | | | | 12549 |
| 8 | Hilite | €12.70 | €12.70 | D | PF | Materjal | 12-05-17 | 9048 | | | | 12550 |
| 9 | Jacqueline Refalo | €95.00 | €95.00 | D | PF | Servizz fl-uffiċju tal-Kunsill u fil-librerija | 13-04-17 | 3972 | | | | 12551 |
| 10 | Maria Homoki | €290.00 | €290.00 | D | PF | bouncy castle waqt l-attivita' fil-21 ta' Diċembru 2016 | 21-12-16 | 323/2016 | | | | 12552 |
| 11 | Monica Mercieca | €397.22 | €397.22 | D | PF | Servizz ta librara fil-librerija tal-Kunsill April 2017 | 30-04-17 | April | | | | 12553 |
| 12 | J.F Attard | €57.00 | €57.00 | D | PF | Diesel għat-truck tal-Kunsill | 05-05-17 | 9624 | | | | 12554 |
| 13 | Galea Curmi Engineering Cons | €82.48 | €82.48 | T | PF | Preparazzjoni u sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal bozoz ġodda lil Kop Enemalta | 26-04-17 | 5498 | | | | 12555 |
| 14 | J Mizzi | €60.18 | €60.18 | D | PF | Tiswijiet fuq is-sistema tat-telefon f'Marzu u programmar tat-tielet linja tat-telefon | 20-04-17 | | | | | 12556 |
| 15 | Accountant Public Cleansing Section Gozo | €273.42 | €273.42 | T | PF | Servizzi u tindif tal-latrini ghal matul ix-xahar ta' April 2017 | 02-05-17 | G/04/20170019 | | | | 12557 |
| 16 | CANCELLED | | | | | | | | | | | 12558 |
| 17 | Jacqueline Refalo | €85.00 | €85.00 | D | PF | Tindif April 2017 | 13-05-17 | 3973 | | | | 12559 |
| 18 | St John Foodstore | €9.76 | €9.76 | D | PF | Toiletries, materjal tat-tindif, kafe, ilma għal uffiċju tal-Kunsill | 04-05-17 | 129 | | | | 12560 |
| 19 | Island Tech | €25.00 | €25.00 | D | PF | 1 set wifi u internet għal-librerija | 17-04-17 | 11886 | | | | 12561 |
| 20 | I.V. Portelli & Sons Ltd | €123.10 | €123.10 | D | PF | Tiswijiet u parts tal-mutur li jintuża biex jaqta' l-ħaxix ħażin | 09-05-17 | I022967 | | | | 12562 |
| | **Sub Total c/f** | **€2,484.33** | **€2,484.33** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,484.33** | **€2,484.33** | | | | | | | | | |

IFFIRMATA
Sindku

IFFIRMATA
Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 59**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

IFFIRMATA
Kunsillier

IFFIRMATA
Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 12/04/2017-16/05/2017

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | J De Bono Printing | €346.50 | €346.50 | D | PF | Stampar ta' flyers tal-Karnival u 10 kotba tal-permessi tal-crane | 08-04-17 | 12400 | | | | 12563 |
| 22 | DOI | €9.32 | €9.32 | DA | PF | Avviż fil-Gażżetta tal-Gvern | 29-05-17 | 39410 | | | | 12564 |
| 23 | Gozo Express | €14.16 | €14.16 | D | PF | Delivery of Documents | 30-04-17 | A33903 | | | | 12565 |
| 24 | Anfield Catering | €85.00 | €85.00 | D | PF | Finger food għal-atturi | 18-05-17 | 12 | | | | 12566 |
| 25 | DJ Mario | €350.00 | €350.00 | D | PF | PAS Karnival | 07-03-17 | 44 | | | | 12567 |
| 26 | Vella Brothers | €48.00 | €48.00 | D | PF | Fuel għal-moħriet li jintuża għax-xogħol tal-Kunsill | 29-04-17 | 1783/1016/1013/1701/1794/1663 | | | | 12568 |
| 27 | Hilite | €6.60 | €6.60 | D | PF | sitt kopji ta' ċwievet u tlett key chains | 26-04-17 | 9096 | | | | 12569 |
| 28 | Toolmart | €30.90 | €30.90 | D | PF | Materjal | 11-05-17 | 13681 | | | | 12570 |
| 29 | Toolmart | €4.60 | €4.60 | D | PF | Materjal | 12-04-17 | 13386 | | | | 12571 |
| 30 | Toolmart | €11.50 | €11.50 | D | PF | Materjal | 05-05-17 | 13673 | | | | 12572 |
| 31 | IDPC | €46.58 | €46.58 | DA | PF | Tiġdid tas-subscription tal-Kunsill mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni | 21-04-17 | 8395/15-16 & NOTFEE 2016/17 | | | | 12573 |
| 32 | Strand Electronics Limited | €36.58 | €36.58 | T | PF | Leasing charges għax-xahar ta' Marzu 2017 | 28-03-17 | 363676 | | | | 12574 |
| 33 | Road Construction Co Ltd | €733.67 | €733.67 | D | PF | Xiri ta' cold mix patching | 12-04-17 | 14094 | | | | 12575 |
| 34 | Force 5 Limited | €398.84 | €398.84 | D | PF | disinn u instalazzjoni ta' plakka tal-inagurazzjoni fil-pjazza tax-Xewkija | 09-02-17 | 76 | | | | 12576 |
| 35 | Shawn Micallef | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | Mili ta' applikazzjoni re Fondi Ewropej għal resurfacing ta' toroq f'żoni rurali u rranġar ta' ħita tas-sejjieħ | 27-04-17 | XLC.għslm.pf.17.1 | | | | 12577 |
| 36 | Sammy Attard | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | Bowzers Ilma | 15-05-17 | 380 | | | | 12578 |
| | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| | €4,122.25 | €4,622.25 |
| **Sub Total b/f** | €2,484.33 | €2,484.33 |
| **Total** | €6,606.58 | €6,606.58 |

IFFIRMATA
Sindku

IFFIRMATA
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA
Kunsillier

IFFIRMATA
Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 59**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 12/04/2017-16/05/2017

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Sammy Attard | €500.00 | €500.00 | D | PF | Bowzers Ilma | 15-05-17 | 382 | | | | 12579 |
| 38 | Strand Electronic | €312.42 | €312.42 | T | PF | Leasing | 28-03-17 | 364033 | | | | 12580 |
| 39 | Parker Rendall Turner | €250.75 | €250.75 | T | PF | Servizz tal-accountant matul ix-xahar ta' Frar | 03-05-17 | 700504 | | | | 12581 |
| 40 | Accountant Public Cleansing Section Gozo | €282.53 | €282.53 | DA | PF | Servizz ta' tindif ta' latrini matul ix-xahar ta' Jannar (kont inqabbeż u ma thallax) | 15-02-17 | G/04/20170004 | | | | 12582 |
| 41 | LESA | €115.00 | €115.00 | DA | PF | Servizz ta' żewġ gwardjani lokali waqt l-attivita' tal-Karnival | 25-04-17 | 05/LESA/2017 | | | | 12583 |
| 42 | Galea Curmi Engineering Consultants | €88.40 | €88.40 | T | PF | Contract management fee għax-xahar ta' April 2017 | 02-05-17 | 5536 | | | | 12584 |
| 43 | Island Tech | €130.00 | €130.00 | D | PF | Xiri ta HKC Monitor ghall-computer tas-Segretarju Eżekuttiv | 02-05-17 | 11913 | | | | 12585 |
| 44 | Għaqda Dilettati tan-Nar San Ġwann Battista | €100.00 | €100.00 | D | PF | Servizz ta' tindif ta' latrina ghax-xahar ta' April 2017 | 30-04-17 | April | | | | 12586 |
| 45 | Ta' Lourdes Garage | €1,586.00 | €1,586.00 | T | PF | Servizz ta' Minibus għat-tfal ta' l-iskola Primarja bejn id-9 ta' Jannar 2017 u l-11 ta' April 2017 | 08-05-17 | | | | | 12587 |
| 46 | ESS | €1,557.60 | €1,557.60 | D | PF | LEDs Lamps & Brackets | 23-01-17 | 208666 | | | | 12588 |
| 47 | Soċjeta' Filarmonika Prekursur | €850.00 | €850.00 | D | PF | Servizz tal-banda waqt l-attivita' tal-Karnival | 28-03-17 | Marc-Karnival 2017 | | | | 12589 |
| 48 | Go Plc | €413.99 | €413.99 | D | PF | kera u kosum tal-linji tat-telefon fl-Uffiċju tal-Kunsill | 03-05-17 | 54123372 | | | | 12590 |
| 49 | Strand Electronic | €36.58 | €36.58 | T | PF | Leasing April 2017 | 28-04-17 | 365073 | | | | 12591 |
| 50 | Arms Ltd | €20.37 | €20.37 | DA | PF | Kera u konsum ta' l-elettriku fil-playing field tal-Ġokk | 30-04-17 | 23898252 | | | | 12592 |
| 51 | Go Plc | €200.09 | €200.09 | DA | PF | Kont tat-telephone Marzu u kera ta' April | 03-04-17 | 53674102 | | | | 12593 |
| 52 | Soċjeta' Filarmonika Stella | €400.00 | €400.00 | D | PF | Partecipazzjoni tal-Astra Power Boys fl-attivita' tal-Karnival | 07-04-17 | 2017.039 | | | | 12594 |

| | | |
|---|---|---|
| | **€6,843.73** | **€6,843.73** |
| **Sub Total b/f** | **€6,606.58** | **€6,606.58** |
| **Total** | **€13,450.31** | **€13,450.31** |

IFFIRMATA
Sindku

IFFIRMATA
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA
Kunsillier

IFFIRMATA
Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 59**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 12/04/2017-16/05/2017

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | CIR | €512.14 | €512.14 | D | PF | Bolol u taxxi b'lura | 15-05-17 | FSA2969788 | | | | 12595 |
| 54 | KIP Ltd | €2,339.43 | €2,339.43 | T | PF | Collection of 16 days refuse collection during April | 30-04-17 | 23000 | | | | 12596 |
| 55 | KIP Ltd | €575.23 | €575.23 | D | PF | Collection of Organic Waste | 30-04-17 | 23,001 | | | | 12597 |
| 56 | Gatt Enterprises | €39.67 | €39.67 | T | PF | Materjal | 05-05-17 | 1757 | | | | 12598 |
| 57 | Michell M Vella | €840.75 | €840.75 | D | PF | Invoice 1- Consultancy Fees Measure 313 2014/2015 | 30-09-15 | XewkijaLC_01 | | | | 12599 |
| 58 | Payroll | €2,745.70 | €2,745.70 | D | PF | Salaries and Arears Aprl 2017 | 30-04-15 | | | | | 12600-12602 |
| | | €7,052.92 | €7,052.92 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | €13,450.31 | €13,450.31 | | | | | | | | | |
| | Total | €20,503.23 | €20,503.23 | | | | | | | | | |

IFFIRMATA
Sindku

IFFIRMATA
Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru: 59

IFFIRMATA
Kunsillier

IFFIRMATA
Kunsillier

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.